



Brussell, 25 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15108/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0344(NLE)

ECOFIN 1485

UEM 538

FIN 1323

EIB

ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-
valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza¹, u b' mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) mill-Bulgarija fil-15 ta’ Ottubru 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fl-4 ta’ Mejju 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta’ Mejju 2022”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta’ Mejju 2022 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Diċembru 2023³ u tat-18 ta’ Lulju 2025⁴.
- (2) Fid-9 ta’ Ottubru 2025, il-Bulgarija għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta’ Mejju 2022 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Bulgarija ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Bulgarija minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 86 miżura.
- (4) Il-Bulgarija spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista’ tinkiseb parzjalment, minħabba żieda konsiderevoli fil-kost tal-implimentazzjoni tal-miżura minħabba l-inflazzjoni. Dan jikkonċerna l-miżura: C11.I1 Il-“modernizzazzjoni tal-kura fit-tul”. Abbażi ta’ dan, il-Bulgarija talbet li l-miżura tiġi emendata. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta’ Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.

² Ara d-dokumenti ST 8091/22 u ST 8091/22 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 15837/23 u ST 15837/23 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 11242/25 u ST 11242/25 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (5) Il-Bulgarija spjegat li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu parzjalment minħabba dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna l-miżuri C1.I4 “Iċ-Ċentri taż-żgħażaġħ”; C4.I9 “Skema ta’ sussidju – ir-rinnovazzjoni ta’ bini residenzjali”; C10.I4 “It-titjib tal-kwalità u tas-sostenibbiltà tas-servizzi tas-sigurtà”; C12.I4 “L-istabbiliment ta’ sistema ta’ ambulanza tal-ajru” u C13.I1 “L-istabbiliment ta’ sistema ta’ informazzjoni dwar unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u vulnerabbli”. Abbażi ta’ dan, il-Bulgarija talbet li temenda l-miżuri msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta’ Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-Bulgarija spjegat li tnax-il miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżuri. Dan jikkonċerna C1.I3 “Il-forniment ta’ taħriġ fil-ħiliet diġitali”; C2.I1 “Programm sabiex jiġu aċċellerati l-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi permezz tar-riċerka u permezz tal-innovazzjoni”; C4.R1 “L-istabbiliment ta’ Fond Nazzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni”; C4.R6 “It-tisħiħ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli”; C4.R11 “It-titjib tal-governanza korporattiva tal-kumpaniji tal-Istat fis-settur tal-enerġija”; C13.R1 “Qafas ta’ governanza għall-faqar enerġetiku u t-tħejjija tal-liberalizzazzjoni tas-suq bl-imnut”; C8.R1 “Qafas strateġiku tat-trasport”; C8.R4 “Trasport pubbliku integrat;” C10.R7 “It-titjib tal-qafas ta’ governanza għall-intrapriżi tal-Istat”; C11.I2 “Il-forniment ta’ apparati ta’ assistenza lil persuni b’ diżabilità permanenti”; C11.I5 “Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Impjiegi”; u C12.I1 “Il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-isptarijiet”. Abbażi ta’ dan, il-Bulgarija talbet li temenda l-miżuri msemmija hawn fuq. Peress li daww iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta’ Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.

- (7) Il-Bulgarija spjegat li ġew emendati 68 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri: C1.R1 “Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u fl-iskola u fl-apprendiment tul il-ħajja”; C1.I1 “Ċentri STEM u innovazzjoni fl-edukazzjoni”; C1.I2 “Il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura edukattiva”; C2.R1 “Politika komuni għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni”; C2.I2 “Il-bini tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi”; C3.I1 “Programm ta' appoġġ pubbliku għall-iżvilupp ta' distretti industrijali, ta' parks industrijali u ta' territorji simili u l-attirar ta' investiment (“AttractInvestBG”)”; C3.I2 “Il-Programm ta' trasformazzjoni ekonomika”; C4.R5 “Punt Uniku ta' Servizz għar-rinnovazzjonijiet”; C4.R7 “L-isfruttar tal-potenzjal tat-teknoloġiji tal-idroġenu u tal-produzzjoni u tal-provvista tal-idroġenu”; C4.R10 “Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija”; C4.I1 “L-Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini”; C4.I2 “L-Appoġġ għall-enerġija rinnovabbli għall-unitajiet domestiċi”; C4.I3 “L-Appoġġ għal sistemi ta' tidwil tat-toroq effiċjenti fl-użu tal-enerġija”; C4.I4 “It-trasformazzjoni diġitali tal-grilja tat-trażmissjoni tal-elettriku”; C4.I7 “It-tiżhij tal-użu tal-enerġija rinnovabbli minn sorsi ġeotermali”; C4.I8 “L-infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (RESTORE)”; C6.R1 “L-aġġornament tal-qafas strateġiku tas-settur agrikolu”; C6.I1 “Fond għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika tal-agrikoltura”; C6.I2 “Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi mill-għalqa sal-platt”; C7.R2 “L-użu effiċjenti tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju”; C7.I1 “Il-varar fuq skala kbira tal-infrastruttura diġitali”; C7.I2 “Il-kostruzzjoni, l-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni tas-sistema diġitali TETRA u tan-network tar-radju tar-rilej”; C8.R2 “Is-sikurezza fit-toroq”;

C8.R3 “Il-Mobilità urbana sostenibbli”; C8.R5 Il-“mobilità elettrica”; C8.I1 “Materjal fuq ir-roti ferrovjarju”; C8.I5 “Is-sikurezza fit-toroq”; C8.I6 “Linja 3 tal-metro ta’ Sofija”; C8.I7 “Mobilità ekoloġika - skema pilota għall-appoġġ tal-mobilità urbana sostenibbli”; C8.I8 “Tagħmir għall-monitoraġġ jew il-manutenzjoni tal-binarji ferrovjarji u tal-linji fl-għoli”; C8.I9 “Rinnovazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja”; C8.I10 “Vetturi ferrovjarji ġodda għall-Metrò ta’ Sofija”; C9.R2 “Kontinwazzjoni tar-riforma tas-settur tal-ilma”; C10.R1 “Ġustizzja aċċessibbli, effettiva u prevedibbli”; C10.R2 “Antikorruzzjoni”; C10.R4 “It-tisħiħ tal-proċeduri ta’ insolvenza”; C10.R5 “Riforma diġitali tas-settur tal-kostruzzjoni Bulgaru”; C10.R6 “Riforma tar-reġistri sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Gvern elettroniku”; C10.R8 “It-tisħiħ tal-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus”; C10.R10 “L-Akkwist Pubbliku”; C10.R11 “Il-Bulgarija Intraprenditorjali”; C10.I1 “It-tisħiħ, l-iżvilupp ulterjuri u l-bini tas-Sistema ta’ Informazzjoni Unifikata tal-Qrati”; C10.I2 “Id-diġitalizzazzjoni ta’ proċessi ewlenin ta’ litigazzjoni fil-ġustizzja amministrattiva”; C10.I3 “Trasformazzjoni tal-infrastruttura tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku”; C10.I6 “L-appoġġ ta’ fażi pilota għall-introduzzjoni tal-immudellar tal-informazzjoni dwar il-bini”; C10.I7 “Sistema ta’ Informazzjoni Unifikata għall-Ġestjoni tat-Territorju, għat-Tfassil tal-Investment u għall-Permess għall-Kostruzzjoni”; C10.I10 “Monitorstat system”; C10.I11 “L-iżgurar ta’ ambjent ta’ informazzjoni u amministrattiv adegwat għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza”; C11.R1 “Riforma tal-iskema ta’ introjtu minimu”; C11.R2 “Riforma tas-servizzi soċjali”; C11.I3 “L-iżvilupp tal-ekonomija soċjali”; C11.I4 “Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali”; C11.I6 “L-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi”;

C11.I7 “Id-diġitalizzazzjoni tal-kollezzjonijiet tal-arkivji”; C12.R1 “It-titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa”; C12.R2 “L-iżvilupp tas-saħħa elettronika u tas-Sistema Nazzjonali ta’ Informazzjoni dwar is-Saħħa”; C12.R3 “It-titjib tal-attraenza tal-professjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-promozzjoni ta’ distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa madwar it-territorju”; C12.R4 “Qafas strateġiku u pjan sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-kura primarja u outpatient”; C12.R5 “Appoġġ għall-forniment imtejjeb ta’ attivitajiet ta’ skrinjar preventiv”; C12.R6 “Pjan għal edukazzjoni moderna dwar is-saħħa fl-iskejjel”; C12.I2 “Ċentri għad-dijanjożi ta’ intervent u għat-treatment endovaskulari ta’ mard ċerebrovaskulari”; C12.I3 “Il-Modernizzazzjoni tal-kura psikjatrika”; C12.I5 “Pjattaforma Diġitali Nazzjonali għad-Dijanjozika Medika”; C12.I7 “L-iżvilupp tal-kura outpatient”; C13.R2 “It-trasparenza tal-proċeduri ta’ konnessjoni għal kapaċitajiet rinnovabbli u ta’ ħżin ġodda”; C13.R3 “It-titjib tal-funzjonament tas-suq tal-ibbilanċjar u l-iffaċilitar tar-rispons għad-domanda”; C13.I2 “Miżura fuq skala akbar: Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku (RESTORE)”; C13.I3 “L-installazzjoni ta’ Sistemi Fotovoltajċi u l-Forniment ta’ Vetturi Elettriċi għall-Faċilitajiet tas-Servizzi Soċjali”; u C13.I4 “Appoġġ għal kapaċitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għall-ħżin tal-elettriku”. Abbażi ta’ dan, il-Bulgarija talbet li l-miżuri msemmija hawn fuq jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta’ Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.

- (8) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Bulgarija talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid miżura ġdida waħda u żżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri: C11.I8 “Infrastruttura tal-kultura”; C11.I2 “Il-forniment ta' apparati ta' assistenza lil persuni b'diżabilità permanenti”; C11.I5 “Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Impjiegi”; u C12.I1 “Il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-isptarijiet”. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija talbet li jżied il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri: C11.I2 “Il-forniment ta' apparati ta' assistenza lil persuni b'diżabilità permanenti”; C11.I5 “Il-modernizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Impjiegi”; u C12.I1 “Il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-isptarijiet”, u li tiżdied, miżura ġdida, jiġifieri C11.I8 “Infrastruttura tal-kultura”.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Bulgarija.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), ta' u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (12) L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fl-Avviż tal-Kummissjoni 2021/C58/01 - “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁶. Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tal-emendi tal-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni mwettqa għall-verżjoni oriġinali tal-RRP. Fir-rigward tal-investiment il-ġdid introdott fl-RRP (C11.I8 Infrastruttura tal-kultura), il-Bulgarija pprovdiet valutazzjoni tal-miżura fir-rigward tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” f'konformità mal-Avviż tal-Kummissjoni C/2023/111 “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁷. L-informazzjoni pprovduta tippermetti l-konklużjoni li l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj/mlt>).

⁶ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

⁷ ĠU C, C/2023/111, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/111/oj>.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), ta' u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 20,7 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP ikkalkolata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (14) Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tibqa' valida. L-RRP emendat jinvolvi tnaqqis fil-livelli ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri u ż-żieda ta' investiment ġdid ieħor C11.I8 "Infrastruttura tal-kultura" li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Minkejja t-tnaqqis fil-livelli ta' implimentazzjoni, l-inklużjoni tal-miżura l-ġdida C11.I8 "Infrastruttura tal-kultura" twassal għal żieda żgħira fil-kontribut tal-RRP.

Kostijiet

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), ta' u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju ta' kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (16) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżura l-ġdida u għall-miżuri eżistenti li l-emendi tagħhom kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet juru li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Fi ftit każijiet biss, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-istimi tal-kostijiet kienu limitati. Il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri emendati-oħra kienu ġġustifikati, proporzjonati għall-miri riveduti l-ġodda u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju ta' kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (17) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Bulgarija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (da), (db), (e), (g), (h), (j) u (k) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (18) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u għandu jiġi stabbilit l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (19) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Bulgarija huma ta' EUR 6 174 106 145. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ugwali għall-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Bulgarija, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Bulgarija jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 6 174 106 145. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Bulgarija tibqa' l-istess.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jstabilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (20) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (21) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Bulgarija fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

L-Anness għadd-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija huwa sostitwit mit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President